MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2004

Talba Numru. 1157/2003

**Joseph Debono**

**Vs**

**Paul Gladwish**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li permezz tieghu l-attur talab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' elf u mitejn lira Maltin (Lm1,200) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' drittijiet u spejjez professjonali kif ukoll prestazzjonijiet maghmula mill-attur in konnessjoni mal-progett u xoghlijiet li qed isiru fuq is-sit li jinsab Hal Qormi kif mitlub mill-konvenut stess. Bl-ispejjez u bl-interessi.

Illi l-konvenut irrisponda illi t-talbiet ta' l-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan billi l-ftehim originali kien

fuq elf u tmien mitt lira Maltin (Lm1,800) izda wara ftit zmien il-partijiet ftiehmu fuq elf lira Maltin (Lm1,000) izda sussegwentement il-ftehim sar fuq elf u mitejn lira Maltin (Lm1,200). Huwa hallas elf mija u sebgha w erbghin lira Maltin u sebgha u sebghin centezmu (Lm1,147.77c) bhala pagament akkont u ghalhekk it-talba kif dedotta hija nfondata u f'kull kaz l-attur ma ezegwix l-inkarigu lilu moghti.

Ra x-xhieda traskritta ta' Joseph Debono u d-dokumenti esebiti.

Sema' x-xhieda ta' Joseph Debono, Godwin Aquilina u tal-konvenut.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi jirrizulta illi l-konvenut ried jibni kappella u *multi-purpose hall* ghall-persuni handikappati f'Canon Road, Qormi u kien inkariga lill-Perit Godwin Aquilina fuq dan il-progett. Fuq suggeriment tal-Perit Aquilina huwa nkariga lill-attur sabiex l-attur li bhala professjoni huwa *Quantity Surveyor* u Disinjatur, jaghmel id-disinji, *bill of quantities* u *tender documents.* L-attur ighid illi ta' dan huwa kellu jithallas 1.5% tal-*contract value* u l-*contract value* tela' mal-mitejn elf lira Maltin (Lm200,000) b'hekk l-attur jikkontendi li l-fee dovuta lilu kellha tkun ta' tlett elef lira Maltin (Lm3,000). Ikompli jghid l-attur illi eventwalment huwa ta *discount* ta' elf lira Maltin (Lm1,000) biex il-kont tieghu nizel ghal elfejn lira Maltin (Lm2,000) u billi l-konvenut hallsu tmien mitt lira Maltin (Lm800) akkont baqa' bilanc ta' elf u mitejn lira Maltin (Lm1,200).

Il-konvenut da parti tieghu jsostni illi originarjament ma kienx hemm ftehim izda darba minnhom l-attur kien qallu li ser tigih elf u tmien mitt lira Maltin (Lm1,800) u dak il-hin il-konvenut ma qal xejn. Wara dan il-konvenut ighid illi kkonvinca lill-attur inaqqas il-kont tieghu ghal elf lira Maltin

(Lm1,000) izda sussegwentement dan gie awmentat ghal elf u mitejn lira Maltin (Lm1,200).

Il-Perit Godwin Aquilina ma kienx prezenti mal-partijiet meta sar il-ftehim bejniethom.

Mid-dokumenti esebiti jirrizulta illi effettivament, dak li l-attur ighid li kellu jaghmel effettivament sar u fl-atti hemm esebiti *detailed drawings*, *tender document* u *bills of quantities* li huma miktubin bil-lapes b'valur indikat ta' mija u wiehed u disghin elf mija w erbgha u hamsin lira Maltin u tmenin centezmu (Lm191,154.80c) bid-data ta' Marzu, 2002.

Fl-atti tal-kawza nsibu a fol 14 ittra miktuba mill-attur lill-konvenut fejn ipprezentalu l-kont tieghu a bazi ta' dak li kien qed jikkontendi l-istess attur fejn hemm indikat bilanc ta' elf u mitejn lira Maltin (Lm1,200).

It-Tribunal jidhirlu illi f'dan il-kaz partikolari t-tezi ta' l-attur giet sodisfacentement pruvata fis-sens illi effettivament il-ftehim kien ta' 1.5% tal-*contract value*.

F'dan ir-rigward it-Tribunal jinnota illi huwa ben maghruf illi fi progetti ta' zvilupp u kostruzzjoni, normalment jigu kwotati rati u persentaggi u hlief ghal Turnkey projects, m'hijiex prattika li wiehed jikkwota a *lump sum*. Il-konvenut isostni illi l-attur ikkwota *a lump sum* izda f'dan l-aspett gie kontradett mill-attur. Inoltre, jekk verament kien hemm ftehim fuq somma fissa u li, skond il-konvenut, il-ftehim originali kien ta' elf u tmien mitt lira Maltin (Lm1,800), x'kien l-iskop li l-konvenut jipprova jinnegozja li jkun hemm *discount* u jekk kien hemm *discount* minn elf u tmien mitt lira Maltin (Lm1,800) ghal elf lira Maltin (Lm1,000), kif sar ftehim li dan jizdied ghal elf u mitejn lira Maltin (Lm1,200)?

Illi inoltre, b'referenza ghal *tariff K* fil-Kodici ta' l-Organizzazzjoni u Procedura Civili hemm stipulati l-persentaggi li normalment jithallsu lill-Periti w Inginiera f'xoghol ta' kostruzzjoni u fir-rigward tax-xoghol maghmul mill-attur, kieku dan kien Perit jew Inginier kien jithallas

dritt ta' mill-anqas 2 ½ % jekk mhux 3 ½ %. L-attur bhala *Quantity Surveyor* u *Designer* mhux marbut bit-tariffa u seta' jezigi hlas aktar jew anqas.

Ix-xoghol li ghamel l-attur bl-ebda mod ma gie kkritikat u l-konvenut semma' biss li l-progett tieghu ghadu ma tlestiex, izda jigi rilevat ukoll illi x-xoghol li kellu jaghmel l-attur kien wiehed preparattiv fis-sens illi huwa ma kienx involut fis-supervizjoni tal-progett. Huwa kien involut biss fil-preparazzjoni tat-*tender documents*, *bills of quantities* u d-disinji. Dan kien kollu xoghol li sar fi stadju inizjali u certament il-hlas relattiv ma jiddependix mit-tlestija tal-progett.

Il-fatt li, kif xehed anke l-attur, kien hemm *discount* ta' 1% jimmilita aktar favur l-attur u konsegwentement it-Tribunal jidhirlu illi d-drittijiet professjonali ammontanti ghal elfejn lira Maltin (Lm2,000) huma gustifikati.

It-tieni punt li ghandu jigi ezaminat huwa l-ammont ta' hlasijiet li saru mill-konvenut. L-attur ighid li huwa rcieva biss tmien mitt lira Maltin (Lm800) izda l-konvenut isostni li l-attur ircieva elf mija u sebgha w erbghin lira Maltin u sebgha u sebghin centezmu (Lm1,147.77c).

F'dan ir-rigward it-Tribunal jidhirlu illi fil-persentaggi u r-rati kkwotati mill-attur hemm inkluzi wkoll l-ispejjez segretarjali sabiex jaghti s-servizz fis-sens illi l-ispejjez tieghu huma *in-built* fil-persentagg minnu kwotat u konsegwentement jekk kien hemm xi *secretarial expense* u *photocopying expenses* involuti, dawn jigu assorbiti fir-rata kwotata mill-attur.

Illi inoltre gew prodotti provi sufficjenti li effettivament l-attur ircieva disa' mitt lira Maltin (Lm900) f'cekkijiet indirizzati lilu u mitejn u sebgha u erbghin lira Maltin u sebgha u sebghin centezmu (Lm247.77c) permezz ta' cekkijiet intestati fuq Secretarial Services Limited u Palmira. Kif gja nghad, dawn l-ahhar ammonti ghandhom jigu assorbiti mill-attur u konsegwentement ghandu jkun hemm riduzzjoni fl-ammont bilancjali li ghad fadallu jiehu l-attur f'dawn l-ammonti differenzjali u l-komputazzjoni hekk

aggustata ggib li l-attur ghad fadallu jiehu bilanc ta’ tmien mija u tnejn u hamsin lira Maltin u tlieta u ghoxrin centezmu (Lm852.23c).

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur is-somma ta’ tmien mija u tnejn u hamsin lira Maltin u tlieta u ghoxrin centezmu (Lm852.23c) bl-ispejjez u bl-interessi mit-30 t’April, 2003 (data tan-notifika ta’ l-Ittra Ufficjali) kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------